MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1191/2010

**Dr. Herbert Messina Ferrante**
**vs**
**Jean Ruiz f'ismu personali kif ukoll**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**estera Delmar International Investments Inc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-17 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Gunju 2010, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A., il-konvenut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Delmar International Investments Inc kif ukoll bhala garanti ta' l-istess, iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' Dr. Herbert Messina Ferrante in kwantu ghas-somma ta' dsatax-il elf, sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€19,668) rappezentanti f'arretrati ta' kirjiet u

spejjez ohra relatati mall-condominium kif ukoll irrikonoxxa illi huwa ghandu jaghti lill-attur l-istess ammont;

Illi l-konvenut kien hallas lill-attur bhala depozitu s-somma ta’ hamest elef, mija u ghoxrin Ewro (€5,120) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ancillari minn liema depozitu l-attur hallas lil ARMS Ltd l-ammont ta’ elfejn, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u hames centezmi (€2,873.05) u sitt mija u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€620.22) lil GO plc;

Illi in vista tas-suespost, jirrizulta illi mid-depozitu ta’ hamest elef, mija u ghoxrin Ewro (€5,120), baqa’ bilanc ta’ elf, sitt miija u sitta u ghoxrin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,626.73) illi skond l-istess skrittura privata msemmija aktar ‘l fuq, din ic-cifra ghandha tmur kontra l-ammont komplessiv ta’ arretrati ta’ kera u spejjez ohra relatati mall-condominium u cioe dik ta’ dsatax-il elf, sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€19,668) sabiex b’hekk, il-konvenut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Delmar International Investments Inc kif ukoll personali bhala garanti, huwa debitur ta’ l-attur fis-somma ta’ tmintax-il elf u wiehed u erbghin Ewro u seba’ u ghoxrin centezmu (€18,041.27);

Illi l-konvenut m’ghamel ebda hlasijiet ulterjuri akkont nonostante illi huwa rrikonoxxa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Delmar International Investments Inc u bhala garanti tal-istess illi huwa ghandu jaghti lill-attur tali ammont;

Illi ghalhekk, il-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma komplessiva ta’ tmintax-il elf u wiehed u erbghin Ewro u seba’ u ghoxrin centezmu (€18,041.27);

Illi ghalkemm gew debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammont minnhom dovut kif fuq premess, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 5 ta’ Ottubru 2010, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B., il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. Tikkundannhom illi jhallsu lill-attur is-somma ta' tmintax-il elf u wiehed u erbghin Ewro u seba' u ghoxrin centezmu (€18,041.27), jew somma ohra verjuri, lilu dovuta kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 t'Ottubru 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1673/10, ipprezentat nhar 28 t'Ottubru 2010, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti fejn Dr. Herbert Messina Ferrante ddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe €18,041.27 flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mil-5 ta' Ottubru 2010;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumcja tal-intimati tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------